# Mons. Pawlu Cremona O.P.

## *L-Arċisqof il-Ġdid ta' Malta*



Mons. Pawlu Cremona O.P. twieled il-Belt Valletta nhar il-25 ta' Jannar 1946. Missieru Joseph u ommu Josephine xebba Cauchi. Hu għandu żewġ ħutu oħrajn, Lino u Marie-Louise. Ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-montessori fil-Belt Valletta stess u wara l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo, il-Ħamrun. Mons. Pawlu Cremona O.P. daħal fl-Ordni Dumnikana f'Settembru tal-1962 u ġie professat fl-istess Ordni nhar id-29 ta' Settembru 1963. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas ta' Akwinu fil-Kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat u ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Marzu 1969. Studja t-Teoloġija Morali fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas ta' Akwinu f'Ruma minn fejn kiseb id-Dottorat fl-1973.

Bejn l-1974 u l-1980 u aktar tard bejn l-1997 u l-2003, hu kien Pirjol fil-Kunvent ta' Sidtna Marija tal-Għar fir-Rabat. Fl-1981 intgħażel bħala Provinċjal tal-Provinċja Dumnikana Maltija fejn serva f'dan l-uffiċċju għal żewġ perjodi ta' erba' snin.

Wara ntbagħat bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Fatima, Gwardamangia. Bejn l-1993 u l-1997 kien responsabbli mill-formazzjoni tan-Novizzi u l-istudenti Dumnikani fir-Rabat. Xogħol li reġa' kien responsabbli minnu bejn l-2004 u l-2005. Fl-2005 ġie maħtur Kappillan tal-Parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu ġewwa Tas-Sliema.

Mons. Pawlu Cremona O.P. serva wkoll f'diversi uffiċċji oħrajn ta' l-Arċidjoċesi fosthom, Delegat ta' l-Arċisqof għall-Ħajja Konsagrata, Assistent Direttur Spiritwali fis-Seminarju ta' l-Arċisqof ġewwa tal-Virtù r-Rabat, membru fil-Kunsill Presbiterali, kif ukoll President tal-



*W.R. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P.*

Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tar-reliġjużi Maltin.

Kiteb bosta kotba fosthom it-Teżi tiegħu – The Concept of Peace in Pope John XXIII, kotba fuq il-Kredu u l-Kmandamenti, erba' kotba oħra li kiteb flimkien ma' Mons. Ġorġ Frendo O.P, illum Isqof fl-Albanija – Fil-mixja lejn is-Sena 2000, ieħor fuq il-Virtujiet u fuq il-Knisja – Ikona tat-Trinità Qaddisa.

It-tħabbira ta' Mons. Pawlu Cremona O.P. bħala s-suċċessur magħżul mill-Vatikan biex iservi bħala Arċisqof ta' Malta saret nhar it-2 ta' Diċembru 2006.

Il-ħatra uffiċjali tiegħu bħala Arċisqof il-ġdid ta' Malta saret nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2007 ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-motto magħżul mill-Arċisqof il-ġdid ta' Malta hu **ĦEJJU T-TRIQ GĦALL-MULEJ**.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tifraħ u tawgura lill-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona O.P. għal din il-ħatra bħala Ragħaj tagħna lkoll. Aħna lkoll nemmnu fil-kapaċitajiet ta' Mons. Pawlu Cremona u persważi li din il-ħidma pastorali ser titwettaq b'responsabbiltà kbira. Nitolbu sabiex il-Mulej iżomm idejH fuq l-Arċisqof Cremona u jagħtih id-don neċessarju f'din il-kariga ġdida.

*Ad Multos Annos*



*Is-salib (quddiem u wara) li jġorr l-Arċisqof ta' Malta, irregalat lilu mis-Soċjetà tal-MUSEUM, li huwa relikwa ta' San Ġorġ Preca.*